**Minuti tat-52 laqgħa tal-Kumitat Amministrattiv St Peter's li saret nhar it-Tlieta, 18 ta' Marzu, 2014**

Il-laqgħa bdiet fis-6.15 ta' filgħaxija b'talba. Fin-nuqqas taċ-*Chairperson*, il-Viċi-*Chairperson* is-Sur Norman Clews ippresieda l-laqgħa.

Item 1 – Attendenza u Apoloġiji

Preżenti kienu l-Viċi-*Chairperson* is-Sur Norman Clews, is-Sur Mario Bartolo u s-Sur Luciano Farrugia.

Iċ-*Chairperson* is-Sinjura Maria Elena Debattista u s-Sur Simon Vella kienu skużati.

Item 2 – Approvazzjoni tal-Minuti

Il-minuti tal-51 laqgħa tal-Kumitat Amministrattiv ġew unanimament approvati fuq proposta tas-Sur Farrugia li ġiet issekondata mis-Sur Clews.

Item 3 – Mistoqsijiet u Affarijiet mill-Minuti

Is-Sur Farrugia tkellem dwar il-bankina fi Triq l-Għakrux u ppropona li din il-bankina tiġi rranġata fi żmien qasir peress illi qiegħda ta' periklu għall-anzjani. Is-Sur Clews issekonda lis-Sur Farrugia u l-Kunsill qabel unanimament li din il-bankina tiġi rranġata.

Is-Sur Bartolo semma l-ħtieġa li mingħajr aktar dewmien jsiru l-kaptelli fi Triq Dun Salv Sciberras issa li ġie magħruf is-sid tar-residenza.

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kumitat illi s-Sur Simon Vella naqas milli jattendi għal aktar minn terz tal-laqgħat tal-Kumitat Amministrattiv li saru bejn is-17 ta' Ġunju, 2013 u s-27 ta' Novembru, 2013. Fuq proposta tas-Sur Farrugia li ġiet issekondata mis-Sur Clews, il-Kumitat qabel unanimament li l-assenza tas-Sur Vella kienet skużabbli u li l-post tiegħu ma jiġix dikjarat vakanti.

Is-Segretarju Eżekuttiv informa wkoll lill-Kumitat illi s-Sur Luciano Farrugia naqas milli jattendi għal aktar minn terz tal-laqgħat tal-Kumitat Amministrattiv illi saru bejn il-5 ta' Settembru, 2013 u d-19 ta' Frar, 2014. Fuq proposta tas-Sur Clews li ġiet issekondata mis-Sur Bartolo, il-Kumitat Amministrattiv qabel unanimament li l-assenza tas-Sur Farrugia kienet skużabbli u li jitlob biex il-post tiegħu ma jiġix dikjarat vakanti.

Item 5 – Xogħol tal-Kumitat

Fuq proposta tas-Sur Clews li ġiet issekondata mis-Sur Bonnici, il-Kunsill approva l-Pjan ta' Ħidma 2013 – 2015.

Fuq proposta tas-Sur Bartolo li ġiet issekondata mis-Sur Clews, il-Kunsill qabel unanimament li ssir bozza ġdida fi Triq iż-Żarżarell.

Item 6 – Affarijiet Oħra

Is-Sur Luciano Farrugia talab li jsiru *double yellow lines* fi Triq il-Farfett tal-Fejġel kantuniera ma' Triq l-Għakrux biex ma jsirx ipparkjar u tonqos il-viżibilità għas-sewwieqa.

Huwa talab ukoll li jiġi rranġat sinjal ta' *stop* li hemm mal-art fi Triq il-Farfett tal-Fejġel peress illi dan is-sinjal qiegħed mal-ġenb tat-triq meta jrid ikun fin-nofs tat-triq peress illi t-triq hija *one way*.

Is-Sur Farrugia tkellem dwar il-kundizzjoni ħażina li tinsab fiha Triq in-Naħla u talab li minbarra li tiġi temporanjament irranġata, issir stima tal-ispiża biex din it-triq tiġi *resurfaced*. Is-Sur Bartolo qal li l-ispejjeż relatati mal-ispejjeż tal-entitajiet għandhom jitħallsu mill-entitajiet konċernati u mhux mill-Kumitat. Is-Sur Bartolo qal li dan il-punt għandu jitqajjem hekk kif il-Kumitat ikollu l-ewwel laqgħa mas-Segretarju Parlamentari responsabbli għall-Gvern Lokali peress illi dan ix-xogħol qed ikun spiża żejda għall-Kumitat.

Il-laqgħa spiċċat fis-6.50 ta' filgħaxija.

Duncan Busuttil
Segretarju Eżekuttiv

Dawn il-minuti ġew approvati fit-53 laqgħa tal-Kumitat li saret nhar l-Erbgħa, 16 t'April, 2014.

Norman Clews
Viċi-*Chairperson*